# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 20/2022: **MAPFRE MIDDLESEA P.L.C. (C5553) U HAMID SALEH (KI. 24636A) V. ARGUS INSURANCE COMPANY (EUROPE) LIMITED (OC 1216)**

(DISTINZJONI BEJN ID-DIVERSI RELAZZJONIJIET LI JINHOLQU B'RIZULTAT TA' INCIDENT AWTOMOBILISTIKU – DIK AKWILJANA JEW DELITTWALI BEJN IL-PARTIJIET DIRETTAMENT INVOLUTI FL-INCIDENT – DIK EX-LEGE BEJN IL-PARTI LI SSOFRI D-DANNI U LI TIEHU SENTENZA KONTRA L-ASSIGURAT, U L-KUMPANIJA TAL-ASSIGURAZZJONI AI TERMINI TAL-ART. 10(1) TAL-KAP. 104 – DIK EX-CONTRACTU BEJN L-ASSIGURAT LI JIKSER IL-KUNDIZZJONIJIET TAL-POLZA U L-KUMPANIJA TAS-ASSIGURAZZJONI LI TITLOB RISARCIMENT MINGHANDU TAD-DANNI EX LEGE LI TKUN SOFFRIET)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**20 ta' Frar 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Mapfre Middlesea P.L.C. ("il-kumpanija rikorrenti") u Hamid Saleh ("ir-rikorrent") – flimkien "ir-rikorrenti" – ippreżentat fil-25 ta' Jannar 2022[1] li permezz tiegħu talbu lil Argus Insurance Company (Europea) Limited ("il-kumpanija intimata" jew "l-intimata") sabiex tgħid l-għaliex m'għandiex ikun kkundannata mill-Qorti:

ħallas lill-atturi is-somma komplessiva ta' tlettax-il elf ewro (€13,000) [€9,650 lil Mapfre Middlesea p.l.c (C-5553) u €3350 lil Hamid Saleh in linea ta' danni ikkaġġunati mill-assikurat tas-socjeta assikurattiva intimata, ossia', Glen Cachia u sborsati mill-esponenti in segwitu għal inċident illi seħħ fi Sqaq Ħal-Tarxien, iż-Zejtun, fl-10 ta' Mejju 2021, meta waqt li Glen Cachia kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DVY 013 ħabat mal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ICD 848, propjeta' tal-esponent Hamid Saleh u misjuqa minnu stess, u għal liema inċident Glen Cachia kien jaħti unikament minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti bi ksur tal-Artikoli 1031 u 1032(1) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta, u li

[1] Fol 1

għad-danni konsegwenzjali tal-istess inċident subiti u reklamati mill-esponenti, is-socjeta' assikurattiva intimata Argus Insurance Company (Europe) Limited [OC1216] trid tagħmel tajjeb bħala assikuratur tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DVY 013 skond il-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi minkejja li s-socjeta' assikurattiva intimata giet debitament notifikata permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 2095/2021, [Dok. A], sabiex taghmel tajjeb ghad-danni de quo, l-istess socjeta' intimata baqghet inadempjenti. Għaldaqstant, u għar-raġunijiet sopraċitati, l-esponenti qiegħdin umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti, jogħġobha tiddikjara u tikkonferma illi s-socjeta' intimata ghandha taghmel tajjeb ghad-danni reklamati mill-esponenti rigwardanti l-imsemmi incident, u dan bhala assikuratur tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DVY 013 skond il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta; u tordna lill-intimata sabiex tħallas l-ammont kif likwidat u ddikjarat li huwa dovut lill-esponenti; bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, kif ukoll tal-ittra ufficjali bin-numru 2095/2021, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha pretiza, jkunu kontra s-socjeta' intimata li hija minn issa inġunta in subizzjoni

wara li rat ir-risposta tal-intimata ppreżentata fit-23 ta' Mejju 2022[2] li permezz tagħha rrispondiet kif ġej:

1. Illi l-azzjoni odjerna tirrigwarda incident awtomobilistiku illi sehh fl-10 ta' Mejju 2021, fi Triq Xejba, iz-Zejtun, fejn kienet involuta l-vettura tal-ghamla *Ford Transit* bin-numru ta' registrazzjoni DVY 013, appartjenenti lil Raymond Mifsud (Sorrento Garage) u misjuqa minn Glen Cachia.

2. Illi ghalkemm fid-data tal-incident awtomobilistiku *de quo*, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DVY 013 kienet assikurata mis-socjetà esponenti Argus Insurance Company (Europe) Limited, l-istess socjetà, fuq l-iskorta tal-fatti u cirkostanzi tal-incident li ghandha fil-pussess taghha, issostni li kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza vigenti; dan in vista tal-fatt li s-sewwieq Glen Cachia ma kienx persuna awtorizzata sabiex isuq il-vettura *de quo* hekk kif se jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjetà esponenti tissottometti illi jekk jirrizulta li, unikament minhabba d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, hija tkun obbligata taghmel tajjeb versu r-rikorrenti ghar-rigward tad-danni, tal-imghax u tal-ispejjes gudizzjarji fil-kaz li l-imsemmija proceduri jkollhom esitu sfavorevoli ghas-sewwieq Glen Cachia, allura hija tkun kostretta thallas lir-rikorrenti salv ghad-dritt taghha ta' rivalsa fil-konfront tal-imsemmi sewwieq Glen Cachia kif ukoll kontra l-assikurat taghha Raymond Mifsud (Sorrento Garage) ghal kull pagament maghmul minnha.

---

[2] Fol 10-11

4. Illi mingħajr pregudizzju għall-premess u fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrenti jridu jġibu l-prova tal-htija ghall-incident awtomobilistiku *de quo* kif ukoll tal-*quantum* u tan-natura tad-danni minnhom reklamati, liema provi jinkombu lilhom skont il-ligi.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjes.

wara li semgħet ix-xhieda u/jew qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanzi tagħhom,

wara li rat l-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Mill-provi jirriżulta illi fl-10 ta' Mejju 2021 għall-ħabta tas-sebgħa neqsin għaxra ta' filgħaxija seħħet ħabta bejn il-vettura Toyota Hilux bin-numru ta' reġistrazzjoni ICD848 proprjeta' tar-rikorrenti Hamid Saleh u misjuqa minnu stess u l-vettura Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni DVY013 proprjeta' ta' Raymond Mifsud u misjuqa minn ċertu Glen Cachia. Il-ħabta saret fi Triq Ħal Tarxien li hija triq rurali li tibda mill-konfini taż-Żejtun u twassal sal-konfini ta' Ħal Tarxien. Il-vettura tar-rikorrent kienet ġejja mid-direzzjoni ta' Ħal Tarxien lejn iż-Żejtun filwaqt li l-vettura l-oħra kienet ġejja mid-direzzjoni opposta. Filwaqt li l-verżjoni *a tempo vergine* tar-rikorrent kienet dik illi l-vettura l-oħra ġiet mill-oppost tiegħu u baqgħet dieħla ġo fih, dik tas-sewwieq l-ieħor kienet illi l-vettura misjuqa mir-rikorrent ġiet "*gas down u baqa' dieħel ġol-vettura tijaj*".[3]

2. Skond Jeffrey Crockford, *Senior Executive Motor Claims* li jaħdem mar-rikorrenti, ir-rikorrent kien assigurat taħt polza *fully comprehensive*. Wara li s-*surveyor* tar-rikorrenti infurmaha illi l-ħsarat fil-vettura tar-rikorrent kienu tali illi jaqbżu l-*insured value* tagħha, huwa għażel illi jdaħħal lill-kumpanija intimata (bħala l-assiguratriċi awtorizzata li ħarġet polza tal-assigurazzjoni li kienet tkopri s-sewqan tal-vettura misjuqa mis-sewwieq Glen Cachia) mill-ewwel sabiex tqabbad lis-*surveryor* tagħha.[4]

3. Wara *survey* mħejji minn John Callus, *freelance surveyor* imqabbad mill-kumpanija intimata, ġie stabbilit illi l-ħsarat fil-vettura tar-rikorrent kienu tali illi kienet *beyond*

[3] Vehicle Accident Report fol 43-51
[4] Fol 21C-21D

*economic repair* u għalhekk dan *inter alia* irrakkomanda lill-intimata illi jkun hemm *settlement* ta' tlettax-il elf euro (€13,000) lir-rikorrent assigurat.[5]

4. Il-kumpanija rikorrenti bħala l-assiguratriċi tar-rikorrent Hamid Saleh ħallsitu l-ammont li jirrappreżenta l-*insured value* tal-vettura (€ 9,650) eskluż il-*policy excess* (€ 350) biex b'hekk ġiet surrogata *ex-lege* fid-drittijiet tar-rikorrent għal dak l-ammont.[6] Il-kumplament u ċioe l-ammont ta' € 3,350 (inkluż l-ammont imsemmi ta' € 350 bħala *policy excess)* batihom ir-rikorrent.

5. Ir-rikorrenti eżerċitaw l-azzjoni diretta kontra l-kumpanija intimata bħala l-assiguratriċi awtorizzata li ħarġet polza tal-assigurazzjoni li kienet tkopri s-sewqan tal-vettura misjuqa mis-sewwieq Glen Cachia. Dan għamluh wara li kienu ppreżentaw ittra uffiċjali għall-ħlas kontra l-intimata u kontra l-istess Glen Cachia u wara li dawn tal-aħħar kienu baqgħu inadempjenti.[7]

6. Mad-daqqa t'għajn id-difiża prinċipali tal-kumpanija intimata hija illi s-sewwieq Glen Cachia ma' kienx persuna awtorizzata li ssuq il-vettura in kwistjoni ai termini tal-polza tal-assigurazzjoni li tkopri s-sewqan tal-istes vettura u għalhekk jekk tkun obbligata tagħmel tajjeb għad-danni hija jkollha d-dritt ta' rivalsa kontra l-istess Cachia u kontra l-assigurat tagħha Raymond Mifsud. Fil-verita' b'tali difiża l-intimata iżjed milli tiddefendi ruħha mit-talbiet rikorrenti f'din il-kawża qegħda iżjed tkopri l-posizzjoni legali tagħha (diġa protetta taħt il-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta u taħt il-klawżoli tal-polza tal-assigurazzjoni tal-assigurat tagħha) vis-à-vis id-dritt ta' rivalsa tagħha kontra l-assigurat tagħha. Fil-fatt l-unika difiża fil-mertu li verament tolqot it-talbiet tar-rikorrenti hija dik illi tinsab fir-raba' eċċezzjoni u ċioe illi r-rikorrenti jridu jressqu prova kemm tal-ħtija għall-inċident awtomobilistiku *de quo da parti* tas-sewwieq Glen Cachia u kemm tal-kwantum tad-danni.

7. F'dak li għandu x'jaqsam it-tort tal-inċident ftit hemm wieħed xi jgħid peress illi rriżulta b'mod ċar kemm mir-ritratti[8] u kemm mill-i*sketch*[9] esebiti mal-*vehicle accident report* illi dan kien kollu kemm hu dovut għan-negliġenza u traskuraġni tas-sewwieq tal-vettura bin-numru DVY013 ossia' Glen Cachia billi dan daħal fuq il-karreġġjata opposta minn fejn kien ġej ir-rikorrent bil-vettura tiegħu.

---

[5] Xhieda ta' John Callus a fol 22A u *survey report* a fol 23-41
[6] Ara xhieda ta' Jeffrey Crockford a fol 21C-21D u *discharge and subrogation form* a fol 22
[7] Fol 2
[8] Fol 45-50
[9] Fol 51

8. Anke f'dak li għandu x'jaqsam id-danni, dawn ġew pruvati b'mod sodisfaċjenti mix-xhieda ta' **John Callus** (li tqabbad mill-intimata stess) u mis-*survey report* esebit minnu in atti.[10]

9. Mix-xhieda ta' **John Camilleri**, *Motor Claims Team Leader* tal-kumpanija intimata, ħareġ illi l-assigurat tagħha Raymond Mifsud kiser il-kundizzjonijiet tal-polza[11] billi l-vettura kienet qed tinstaq minn xufier li ma' kienx awtorizzat li jsuqha. Ħareġ ukoll illi l-intimata bagħtet ittra uffiċjali kontra l-istess assigurat u kontra s-sewwieq fit-8 ta' Ġunju 2022 (għalkemm kopja tagħha baqgħet ma' ġietx esebita in atti) u li din baqgħet ma' ġietx imwieġba. B'hekk dan ifisser mhux biss illi l-kumpanija intimata għandha d-dritt ta' rivalsa kontra l-assigurat tagħha abbażi tal-klawsoli tal-polza iżda inoltre għandha l-protezzjoni *ex lege* li toħroġ mill-Art. 15(4) tal-Kap. 104 li jiddisponi kif ġej:

> '15 (4) Meta ssir talba għad-danni kontra assiguratur awtorizzat dwar xi responsabbiltà meħtieġa li tkun koperta minn polza tal-assigurazzjoni dwar l-użu ta' vettura bil-mutur taħt din l-Ordinanza, għandu jitqies li **l-assigurat ikun qabel li jsir il-ħlas tat-talba għad-danni**, jekk:
>
> (a) l-assiguratur awtorizzat ikun ta avviż bil-miktub, b'ittra reġistrata jew ittra uffiċjali, lill-assigurat jew lill-persuna li tkun qegħda taġixxi f'ismu, dwar l-intenzjoni li jkollu li jħallas it-talba għad-danni lill-parti offiża, u għal kemm ikun ser jammonta dak il-ħlas; u
>
> (b) l-assigurat ma jkunx, fi żmien għaxart ijiem minn meta jirċievi dak l-avviż, ta avviż bil-miktub lill-assiguratur awtorizzat dwar l-oġġezzjoni tiegħu għal dak il-ħlas.'

10. B'hekk bħala riżultat tal-inċident awtomobilistiku in kwistjoni joħorġu b'mod ċar id-diversi relazzjonijiet li nħolqu, setgħu jinħolqu jew għad jistgħu jinħolqu ossia:

    1. dik ibbażata fuq ħtija akwiljana/delittwali bejn is-sewwieq Glen Cachia u s-sewwieq **Hamid Saleh** (li f'dan il-każ ma' ġietx invokata minħabba li r-rikorrent flimkien mal-assiguratriċi tiegħu aġixxew direttament kontra l-assiguratriċi tal-vettura li kien qed isuq Cachia abbażi tar-relazzjoni *ex lege* li nibtet magħha);

[10] a fol 22A u *survey report* a fol 23-41
[11] esebita bħala Dok JC1 u ara ukoll kundizzjonijiet esebiti bħala Dok PLC annessi man-nota tal-intimata ppreżentata fis-7 ta' Diċembru 2022

2. dik *ex-lege*, applikabbli f'din il-kawża, ibbażata fuq l-Art. 10 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta bejn is-sewwieq Hamid Saleh (kif ukoll il-kumpanija rikorrenti li ġiet surrogata *in parte* fid-drittijiet tiegħu) u l-kumpanija intimata li għandha l-obbligu tar-risarċiment tad-danni anke jekk jista' jkollha ukoll id-dritt li tannulla jew tħassar il-polza vis-a-vis l-assigurat tagħha;

3. dik kuntrattwali, bejn ir-rikorrent Hamid Saleh u l-kumpanija rikorrenti li in adempiment tal-klawżoli kuntrattwali tal-polza viġenti ħallset parti sostanzjali mid-danni subiti mir-rikorrent lill-istess rikorrent biex b'hekk ġiet surrogata *ex-lege*[12] fid-drittijiet tiegħu *in parte;*

4. dik kuntrattwali bejn il-kumpanija intimata u l-assigurat tagħha li għandha d-dritt ta' rivalsa kontra l-istess assigurat minħabba ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza

**Deċiżjoni**

11. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi:**

1. **Tiddikjara illi Glen Cachia kien jaħti unikament għall-inċident awtomobilistiku tal-10 ta' Mejju 2021 minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu u għalhekk il-kumpanija intimata hija responsabbli ai termini tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta għar-risarċiment tad-danni subiti mill-kumpanija rikorrenti (in adempjiment tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali li kellha vis-a-vis ir-rikorrent assigurat tagħha) u mir-rikorrent;**

2. **Tiddikjara illi d-danni subiti mir-rikorrenti huma dawk mitluba u ċioe l-ammont ta' € 9,650 lill-kumpanija rikorrenti u l-ammont ta' € 3,350 lir-rikorrent, għal total ta' tlettax-il elf euro (€13,000);**

3. **Tikkundanna lill-kumpanija intimata tħallas dawn l-ammonti lir-rikorrenti flimkien mal-ispejjeż u l-imgħaxjiet legali kif mitluba salv id-**

[12] Art. 1166(c) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta

**dritt ta' rivalsa li jispetta lilha fil-konfront tal-assigurat tagħha (u jekk ikun il-każ kontra s-sewwieq).**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |